MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 301/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Duncan Dominic Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-24 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja datat 30 ta' Settembru 2005 (Dok. A), kif ukoll fl-iskrittura privata datata 25 ta' Lulju 2008 (Dok. B), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Duncan Dominic Ellul;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Duncan Dominic Ellul fis-somma ta' sitta u disghin elf u tnejn u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€96,072.43) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Duncan

Dominic Ellul mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C4, u Dok. D) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta' Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A u B), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Duncan Dominic Ellul,

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Duncan Dominic Ellul li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Duncan Dominic Ellul gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Awwissu 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita w immarkata Dok. E, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt u skrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Duncan Dominic Ellul (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Duncan Dominic Ellul li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Duncan Dominic Ellul jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u disghin elf u tnejn u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€96,072.43) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan u Overdraft Accounts”* ta’ Duncan Dominic Ellul mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C4 u Dok. D) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Awwissu 2009 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li ma thallas xejn mill-ammont dovut fl-att promotur u ghalhekk ghadu dovut l-ammont intier kif mitlub;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur l-ammont ta’ sitta u disghin elf u tnejn u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€96,072.43), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------